



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Lulju 2023
(OR. en)

9318/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0141 (NLE)

AVIATION 106
RELEX 587
MA 4

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll
li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda,
u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra,
biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fit-12 ta’ Diċembru 2026 u daħal fis-seħħ fid-19 ta’ Marzu 2018. Il-Ftehim ġie emendat sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija².
- (2) It-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea³ ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta’ Diċembru 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2013.
- (3) Fl-14 ta’ Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni.
- (4) In-negozjati dwar il-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja (il-“Protokoll”), ġew konklużi b’suċċess u l-Protokoll ġie inizjalat fit-23 ta’ Diċembru 2022.

¹ ĠU L 386, 29.12.2006, p. 57.

² Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ĠU L 200, 27.7.2012, p. 25).

³ ĠU L 112, 24.4.2012, p. 10.

- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u jiġi applikat fuq bażi proviżorja f'konformità mal-Artikolu 4(2) tiegħu, sakemm jintemmu l-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja¹⁺ (il-“Protokoll”) huwa b’dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b’dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f’isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

¹ It-test tal-Protokoll huwa ppublikat fi ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU għad-dokument ST 8938/23].

⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 8938/23.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja b'effett mid-data tal-iffirmar mill-partijiet, f'konformit mal-Artikolu 4(2) tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
